# LIL JOHN F. KENNEDY

### Ta' Alfred Massa

Għalkemm neħħiek minn fostna l-għadu tiegħek
Iżd'ismek dejjem jibqa' jidwi magħna.
Minn fuq fejn inti qiegħed m'Alla tagħna
Agħmel li nibqgħu nħossu r-riħ ta' driegħek.

Ilna sentejn mifrudin minn miegħek
Imċaħħda lkoll minn fhemtek tant setgħana
Dmirek sew moqdi, paċi bnina tana
Fi żmien li l-bniedem fi trab l-art mar tmiegħek.

Tal-paċi xempju, mera tal-imħabba
Ġellied qalbieni kont għall-ħaqq u s-sewwa.
Ġiehek għożżejna, żammejnieh bla mtabba'.

Għalkemm għal ftit snin biss int ħdimt għalina
'Mma bħal Missierek stagħġbu bik l-għedewwa.
Il-lum dejn kbir inħossu jkebbes fina.

# IL-LEJLA T-TOROQ

### Ta' OLIVER FRIGGIERI

Il-lejla t-toroq mimlijin bħas-soltu
bin-nies imgħaġġla. Qiegħed ngħid li jridu
jagħtuna l-impressjoni li ħajjithom
qasira wisq biex tiġbor l-ideali
li għadhom kemm bdew jibnu.
Naf x'qed taħseb:
Il-ħajja tagħna t-tnejn hi twila żżejjed.
Jien nemmen bħalek għaliex ma' kull għodwa
insibni, bla ma rrid, quddiem ktieb oħxon
bil-folji vojta biex jimtlew. Fl-għaxija
ikolli nerġa' nisma' l-passi tiegħi
b'ritmu perfett u tqil qegħdin jiżdiedu
mexjin fil-kuritur ta' l-eżistenza.
Għajnejja dejjem jiġbdu biex insibu
il-kantuniera li tħallini nara
xi differenza.

Il-lejla t-toroq mimlijin bħas-soltu
bin-nies imgħaġġla. Jiena biss nistenna
iż-żmien, b'sabagħi jiċċaqlaq bejn xuftejja,
għaddej nervuż bil-mod il-mod minn ħdejja.



# ITTRA LIS-SEGRETARJU

"England" House,
Triq Lord Lloyd,
Ħamrun.
29 ta' Ġunju 1971,

Is-Sur Godfrey Zarb Adami,
Segretarju Onorarju,
Akkademja tal-Malti.

Sinjur,

Nitolbok tippublikali din l-ittra f'"Il-Malti" forsi xi ħadd li jaqraha jkun jista' jsolvili żewġ diffikultajiet li għandi dwar kliem Malti.

Liema hija t-tajba **"merħba"** jew "merbħa"? Ġie li smajt min igħid li "merħba" ġejja minn "raħeb" u fiż-żmien u l-għajnuna antik l-irħieb kienu magħrufin għal-laqgħa kbira u l-għajnuna li kienu jagħtu lill-vjaġġaturi li fi triqithom ikunu jinħtieġu l-ikel u l-mistrieħ. Hawn ukoll min igħid li ġejja minn "rebħa" billi fiż-żmien antik meta ġeneral jerġa' lura f'pajjiżu rebbieħ, l-aktar fost ir-Rumani, kien jingħata laqgħa trijunfali.

It-tieni diffikultà hi: liema hija t-tajba "maktur" jew "maqtur"? Hawn min hu tal-fehma li l-kelma ġejja minn "kotor" għax il-maktur nużawh meta l-muku ta' l-imnieħer joktor. Min-naħa l-oħra hawn min isostni li ġejja minn "qatar" għax nużaw il-maktur meta mniħirna jkun se joqtor.

Niżżiħajr bil-quddiem lilek għall-pubblikazzjoni ta' din l-ittra u lil min jista' jixħetli dawl fuq dak li staqsejt hawn fuq.

Dejjem tiegħek,

Vincent Caruana